



Brussell, 22 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

10886/25

LIMITE

CORLX 695  
CFSP/PESC 1026  
COMET 38  
COTER 111  
FIN 773

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Flamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385**

**li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw  
jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Hamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Jannar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385<sup>1</sup>.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 u t-22 ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew appella lill-Kunsill biex jaċċellera l-ħidma fuq l-adozzjoni ta' aktar miżuri restrittivi rilevanti kontra l-Ħamas. Fit-28 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill żied sitt individwi u tliet entitajiet mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/385. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew iddeplora r-rifjut tal-Ħamas li jgħaddi lura l-ostaġġi li fadal.
- (3) Il-Ħamas għadu jirrappreżenta theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. L-azzjonijiet vjolenti tiegħu jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”) huwa l-korp deċiżjonali ewlieni tal-grupp u jiddetermina l-politiki soċjali, politiċi u militari tiegħu. B'mod partikolari, il-fergħa militari tal-Ħamas ( Hamas-Izz al-Din al-Qassem) hija soġġetta għall-politiki ġenerali deċiżi mill-Politburo u konsistentement wiegħdet lealtà lejn il-Politburo. Barra minn hekk, il-membri tal-Politburo għandhom għarfien tal-ippjanar, it-tħejjija u l-eżekuzzjoni ta' azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas. Huma jipromwovu, jiddefendu u jiġġustifikaw ukoll azzjonijiet vjolenti bħal dawn, u spiss jheddu jew iwissu pubblikament dwar imġiba futura simili. Għalhekk, il-Kunsill iqis li l-membri tal-Politburo għandhom rwol sinifikanti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan l-Ħamas u jeżerċitaw influwenza konsiderevoli fuq l-azzjonijiet tal-Ħamas, inkluż l-azzjonijiet vjolenti tiegħu. Għalhekk, huma jerfgħu r-responsabbiltà ġenerali għal dawk l-azzjonijiet.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/385 tad-19 ta' Jannar 2024 li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina (ĠU L, 2024/385, 19.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/385/oj>).

- (4) Sabiex jitrażżnu l-azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas, il-Kunsill iqis xieraq li jiġu previsti miżuri restrittivi, fil-forma ta' restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, u l-iffriżar tal-fondi u r-żorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta', huma miżmuma jew ikkontrollati minn membri tal-Politburo. Madankollu, jenħteġ li membri tal-Politburo ma jkunux soġġetti għal miżuri restrittivi jekk ikun hemm biżżejjed informazzjoni li turi li ma jeżerċitawx influwenza fuq l-azzjonijiet vjolenti mwettqa mill-Ħamas.
- (5) Huwa xieraq li jiġi emendat it-titolu tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/385.
- (6) Huwa xieraq ukoll li jiżdedu għaxar persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, gruppi, entitajiet u korpi stabblita fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/385.
- (7) Għalhekk, jenħteġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 hija emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/385 tad-19 ta' Jannar 2024 li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra l-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina u dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu l-azzjonijiet vjolenti tagħhom";

(2) fl-Artikolu 1, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta' persuni fiżiċi li huma membri tal-Bureau Politiku tal-Ħamas ("Politburo"), kif elenkati fl-Anness.

1b. Il-membri tal-Politburo ma għandhomx jiġu inklużi jew jinżammu fil-lista ta' persuni u entitajiet fl-Anness jekk ikun hemm biżżejjed informazzjoni li turi li ma jeżerċitawx influwenza fuq l-azzjonijiet vjolenti mwettqa mill-Ħamas.";

(3) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-fondi, l-assi finanzjarji u r-riżorsi ekonomiċi l-oħrajn kollha li jappartjenu lil, jew li huma l-proprjetà ta', jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet u korpi.”;

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“1a. Il-fondi, l-assi finanzjarji u r-riżorsi ekonomiċi l-oħrajn kollha li jappartjenu lil, jew li huma l-proprjetà ta', jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, minn persuni fiżiċi li huma membri tal-Politbureau, kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

1b. Il-membri tal-Politbureau ma għandhomx jiġu inklużi jew jinżammu fil-lista ta' persuni u entitajiet fl-Anness jekk ikun hemm biżżejjed informazzjoni li turi li ma jeżerċitawx influwenza fuq l-azzjonijiet vjolenti mwettqa mill-Ħamas.”.

*Artikolu 2*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**ANNES**

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/385, l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt is-subintestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
"13.	Nizar Mohammed AWADALLAH magħruf ukoll bħala Nizar Bin Mohammed AWADALLAH; Nazar Muhammad Mahmud AWADALLAH	Data tat-twelid: 11.12.1957 Post tat-twelid: Gaza City, Gaza Nazzjonalità: Palestinjana Sess: raġel Nru tal-ID Nazzjonali Palestinjana: 931005433 Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas ("Politburo")	Nizar Mohammed Awadallah ilu membru tal-Politburo mill-2009. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
14.	Mohammad NAZZAL magħruf ukoll bħala Muhammad Essam Rizk Abdul RAHMAN	Data tat-twelid: 1963 Post tat-twelid: Amman, Jordan Nazzjonalità: Ġordanija Sess: raġel Nru tal-ID Nazzjonali Ġordanija: 9631022654 Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”)	Mohammad Nazzal ilu membru tal-Politburo mill-1996. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+
15.	Husam BADRAN magħruf ukoll bħala Hossam BADRAN; Husam Ataf Ali BADRAN; Husam Atif All BADRAN; Hussam BADRAN	Data tat-twelid: 11.1.1966 Post tat-twelid: Nablus (West Bank) Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”)	Husam Badran ilu membru tal-Politburo mill-2017. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elekar
16.	Khaled MASHAL (مشعل خالد)	Data tat-twelid: 28.5.1956 Post tat-twelid: Silwad, Ramallah (West Bank) Nazjonalità: Palestinjana Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”); membru tal-Kumitat ta' Tmexxija Temporanju tal-Ħamas	Khaled Mashal huwa membru tal-Politburo. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+
17.	Khalil AL-HAYYA (الحية خليل)	Data tat-twelid: 1960 Post tat-twelid: Gaza Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”); membru tal-Kumitat ta' Tmexxija Temporanju tal-Ħamas; Viċi Kap tal-bureau reġjonali tal-Ħamas f'Gaza	Khalil Al-Hayya ilu membru tal-Politburo mill-2016. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elekar
18.	Muhammad Ismail DARWISH magħruf ukoll bħala Abu Omar Hassan (حسن عمر أبو)	Post tat-twelid: Lebanon Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”); membru tal-Kumitat ta' Tmexxija Temporanju tal-Ħamas; Kap tal-korp konsultattiv tal-Ħamas, il-Kunsill Shura	Muhammad Ismail Darwish huwa membru tal-Politburo. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+
19.	Zaher JABARIN (جبارين زاهر) magħruf ukoll bħala Zaher JABAREEN (جبارين زاهر)	Data tat-twelid: 18.9.1968 Post tat-twelid: Salfit (West Bank) Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”); membru tal-Kumitat ta' Tmexxija Temporanju tal-Ħamas; Kap tal-bureau reġjonali tal-Ħamas fil-West Bank	Zaher Jabarin ilu membru tal-Politburo mill-2021. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
20.	Abu Khalil AL-QUDS القدس خليل أبو	Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”)	Abu Khalil al-Quds ilu membru tal-Politburo mill-2021. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+
21.	Fathi HAMAD فتحي حماد magħruf ukoll bħala Fathi Ahmad HAMMAD, Fathy Ahmed HAMAD	Data tat-twelid: 1961 Post tat-twelid: Jabaliya, Gaza Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”)	Fathi Hamad ilu membru tal-Politburo mill-2017. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
22.	<p>Moussa ABU MARZOUK  موسى أبو مرزوق  magħruf ukoll bħala  Mousa Mohammed ABU MARZOOK, Musa Abu MARZUK, Sa'id ABU-MARZUQ</p>	<p>Data tat-twelid: 9.2.1951  Post tat-twelid: Gaza  Sess: raġel  Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”)</p>	<p>Moussa Abu Marzouk huwa membru tal-Politburo. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.</p>	<p>+</p>

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.